MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 705/1997/1

**Paul Farrugia.**

**vs**

**Adriana Farrugia u b'digriet tal-Qorti ta' l-1 ta' Dicembru 1989, l-istess Adriana Farrugia giet nominata bhala kuratrici ad litem sabiex tirrapprezenta lill-ulied minuri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' mohqrija, minacci, theddid, ingurji gravi u sevizzi b'mod li b'ghemilha rrendiet il-hajja konjugali mpossibbli;

Illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti kellhom tlett itfal minuri Andre`, Michela u Ian;

Illi l-kontendenti b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Ottubru 1996, gew awtorizzati jipprocedu bl-istanti;

Illi l-attur qabel ma ghamel din il-kawza, ghamel diversi tentattivi biex isalva z-zwieg pero` kollox kien inutili.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet u tortijiet unikament imputabbli ghall-konvenuta;

2. Taffida l-kura u kustodja tat-tfal minuri fuq imsemmija f'idejn l-attur fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 56 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

3. Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt li tippercepixxi manteniment minghand l-attur u minn kull dritt li jispetta lilha taht l-**artikolu 53 tal-Kap. 16**;

4. Tapplika kontra l-konvenuta il-komunikazzjonijiet kollha sa fejn applikabbli, ta' l-**artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

5. Tordna l-likwidazzjoni u xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Farrugia fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan billi taqsamha f'zewg porzjonijiet, mhux necessarjament ugwali u *ope sententia* tassenja parti lill-attur u parti lill-konvenuta.

Bl-ispejjez u bil-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 21 tal-process;

Rat ir-rikors tal-konvenuta Adriana Farrugia tat-2 ta’ Marzu 1998 fejn talbet lill-Qorti sabiex tappunta l-kawza ghas-smiegh;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Awissu 1998 fejn il-Qorti tappunta l-kawza ghas-smiegh;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-23 ta’ Settembru 1998 a fol. 30 fejn gie eccepit:

1. Illi l-ewwel erba` talbiet maghmula bic-citazzjoni huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi huwa l-attur li gieb il-firda fiz-zwieg minhabba agir irresponsabbli versu l-esponenti u t-tlett ulied minuri taghhom li ghamel il-hajja konjugali mpossibbli u qieghed jirreka hsara kbira lill-istess minuri; meta jkun id-dar kuljum jara x’johloq biex jiddisturba l-kwiet u l-paci b’incidenti ta’ vjolenza fizika u morali u b’ingurji u krudelta` lejn l-esponenti; jonqos milli jhallas l-ispejjez ta’ kuljum u l-iskola tat-tfal u qatt ma huwa puntwali fil-pagament tal-manteniment ta’ l-esponenti u t-tlett itfal; ghalkemm jaghmel qligh sostanzjali mix-xoghol tieghu huwa qieghed jahbi l-gid li ghandu u jiddikjara falsament illi minflok huwa midjun; ghalkemm meta jkun fid-dar jassumi kondotta li tirrapprezenta dik ta’ persuna afflita b’mard tal-mohh, jiftahar illi huwa attur kbir u ma’ kull opportunita` li jkollu barra mid-dar u fil-prezenza ta’ barranin jippoza ta’ hanin, edukat, pulit u kapaci f’kollox; l-esponenti kellha tidhol f’dejn kbir biex tlahhaq mal-bzonnijiet tad-dar u ma’ l-ispejjez ta’ skola, ilbies u ikel ghat-tfal;

3. Illi l-kura u kustodja tat-tfal hija fdata lill-esponenti – dmirijiet li hija taqdi b’devozzjoni kif jixirqilhom; ghalhekk topponi kull talba ta’ l-attur biex jigi nominat kuratur *ad litem* ta’ l-ulied tal-kontendenti;

4. Illi hija ma topponix il-hames talba.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 31, 32 u 34 tal-process;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta tat-23 ta' Settembru 1998 a fol. 33 fejn esponiet:-

Illi l-attur zewgha, irrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi, mohqrija, ingurji gravi u possibilment ukoll ta' adulterju b'mod ukoll li huwa rrenda l-hajja konjugali mpossibbli.

Illi miz-zwieg taghhom ghandhom tlett itfal cjoe` Andre`, Michela u Ian li fil-prezent ghandhom eta` ta' 12, 5 u 2 rispettivament.

Illi *nonostante* d-diversi tentattivi taghha sabiex b'pacenzja kbira tipprova ssalva z-zwieg, sfaxxaw fix-xejn minhabba l-agir impossibbli ta' l-attur.

Illi ghalhekk qeghda tipprezenta din il-**kontro-talba** fejn talbet li din il-Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi imputabbli ghall-attur.

2. Tafdalha l-kura u l-kustodja tal-minuri Andre', Michela u Ian.

3. Tikkundanna lill-attur ihallasha manteniment ghaliha u ghall-imsemmija tfal minuri taht dawk il-modalitajiet li jidhru xierqa w opportuni.

4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida l-istess u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet, mhux necessarjament l-istess, u tassenja lil kontendenti porzjoni kull wiehed u tikkundanna lill-attur li jirritorna lill-konvenuta l-oggetti parafernali u dotali taghha.

5. Tawtorizzaha tirresjedi fid-dar matrimonjali flimkien mat-tfal ad eskluzjoni ta' l-attur minhabba r-ragunijiet premessi.

6. Tapplika kontra l-attur il-provvedimenti, sa fejn huwa applikabbli, ta’ l-**artikolu 48** *et sequitur* **tal-Kodici Civili.**

7. Tinnomina Nutar sabiex jippublika l-kuntratt opportun, kuratur sabiex jipprezenta l-eventwali kontumaci u tiffissa l-gurnata, hin u lok ghal pubblikazzjoni ta’ l-istess.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbali tad-9 ta’ Frar 1999, ta’ l-24 ta’ Marzu 1999 fejn l-attur ma deherx ghalkemm notifikat bil-kontro-talba u b’hekk hu kontumaci; tas-16 ta’ Gunju 1999 fejn xehdu l-Psikjatra Dr. Peter Muscat u l-konvenuta u Dr. Peter Borg Costanzi nsista li *stante* li l-kawza hija wahda ta’ urgenza, ghandha tkompli tinstema` fis-sajf; tad-19 ta’ Awissu 1999; tat-8 ta’ Novembru 1999 fejn xehdu l-Ispettur Raymond D’Anastasi u Marilyn Savona u Dr. Peter Borg Costanzi talab sabiex ir-rikors tal-11 ta’ Ottubru 1999 jigi dikjarat kameralment; tat-13 ta’ Jannar 2000 fejn xehdet il-konvenuta Adriana Farrugia u il-Qorti ordnat li ssir korrezzjoni fl-occhio tac-citazzjoni fis-sens illi jigi kancellat li l-attur qed jaderixxi bhala kuratur ad litem ta’ uliedu minuri u jigi nserit li l-konvenuta qeghda tagixxi f’isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta’ l-istess minuri; tal-11 ta’ Mejju 2000 fejn xehed Sebastian Zammit; tad-9 ta’ Novembru 2000 fejn xehed Paul Farrugia; tal-5 ta’ Frar 2001 fejn kompla jixhed l-attur Paul Farrugia; tas-16 ta’ Marzu 2001; tas-7 ta’ Mejju 2001 fejn kompla jixhed l-attur; tas-6 ta’ Settembru 2001 fejn xehdet Stephanie Caruana; tas-16 ta’ April 2002; tat-28 ta’ Mejju 2002 fejn xehdet il-konvenuta; u tat-28 ta’ Novembru 2002 fejn il-Qorti ddikjarat li ghandha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza u ddifferiet il-kawza ghat-30 ta’April 2002, u fl-istess seduta tat-30 ta’ April 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta’ Mejju 2003;

Rat ix-xhieda tal-Psikjatra **Dr. Peter Muscat** (a fol. 50) u tal-konvenuta **Adriana Farrugia** (a fol. 58);

Rat ir-rikors ta’ l-attur tat-12 ta’ Lulju 1999 fejn jitlob differiment *stante* li fid-data li tinsab differita l-kawza, d-Difensur tieghu kien se jkun assenti minn Malta;

Rat id-digriet tat-12 ta’ Lulju 1999 fejn il-Qorti ordnat li ssir in-notifika tar-rikors lill-kontroparti li jkollha erbat ijiem zmien ghar-risposta;

Rat ir-rikors tal-konvenuta tal-11 ta’ Ottubru 1999 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizza lilha u lill-minuri biex jirresjedu esklussivament fid-dar matrimonjali, ad eskluzjoni ta’ l-intimat;

Rat id-digriet tal-15 ta’ Ottubru 1999 fejn il-Qorti ordnat li ssir in-notifika tar-rikors lill-kontroparti li jkollha erbat ijiem zmien ghar-risposta; tal-5 ta’ Gunju 2001 fejn xehdet Anthea Agius u l-Qorti ordnat li dan il-kaz jigi nvestigat mis-Social Worker, Stephanie Caruana;

Rat ir-rapport tal-Psikologa, Mariella Blackman tal-15 ta’ Jannar 1999;

Rat in-nota tal-konvenuta tat-13 ta’ Jannar 2000 fejn permezz taghha esebiet dokumenti relatati mal-komunjoni ta’ l-akkwisti;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Ottubru 2000 fejn il-Qorti ordnat illi *pendente lite*, il-konvenuta u l-minuri ghandhom jirrisjedu fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta’ l-attur u ordnat ukoll li l-izgumbrament isir fi zmien gimghatejn mid-data tad-digriet;

Rat ix-xhieda ta’ l-Ispettur **Raymond D’Anastasi** (a fol. 98), ta’ **Marilyn Savona** (a fol.108); tal-konvenuta **Adriana Farrugia** (a fol. 161); ta’ **Sebastian Zammit** (a fol. 172); ta’ **Paul Farrugia** (a fol. 206, fol. 225 u fol. 244); ta’ **Anthea Agius** (a fol. 270); ta’ **Stephanie Caruana** (a fol. 277); tal-**konvenuta** (a fol. 322);

Rat ir-rikors tal-konvenuta tat-23 ta’ Jannar 2001 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tapplika, tottjeni u zzomm passaport ghat-tifel minuri;

Rat in-nota tas-Social Worker, Norbert Cilia, tas-7 ta’ Novembru 2001 fejn informa lill-Qorti li t-Taqsima Access

b’Supervizjoni m’ghadhiex aktar f’kuntatt mal-familja Farrugia;

Rat ir-rikors tal-konvenuta tas-26 ta’ Ottubru 2001 fejn talbet lill-Qorti sabiex tvarja d-digriet taghha dwar l-access;

Rat in-nota ta’ M. Savona ta’ l-Agenzija Appogg ta’ l-24 ta’ Ottubru 2001;

Rat ir-risposta ta’ l-attur tas-26 ta’ Ottubru 2001;
Rat id-digriet tat-28 ta’ Jannar 2002 fejn il-Qorti tichad it-talba u tordna lill-konvenuta sabiex tiehu lit-tfal ghall-access;

Rat in-nota tal-konvenuta ta’ l-10 ta’ Dicembru 2001 li permezz taghha esebiet prospett li jindika lista ta’ l-oggetti tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u lista ta’ beni parafernali ta’ Adriana Farrugia;

Rat l-avviz fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat in-nota tat-28 ta’ Mejju 2002 fejn permezz taghha pprezentat kopja ta’ zewg kuntratti;

Rat ir-rikors tal-konvenuta tat-3 ta’ Lulju 2002 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tapplika wahedha u tottjeni passaport ghall-minuri Andre` Farrugia u tawtorizza lill-istess minuri sabiex isiefer;

Rat id-digriet tal-5 ta’ Lulju 2002 fejn ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta;

Rat ir-risposta ta’ l-attur tal-15 ta’ Lulju 2002 fejn iddikjara li ma jopponix ghar-rikors tal-konvenuta;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Lulju 2002 fejn il-Qorti tilqa` t-talba limitatament ghad-data indikata fir-rikors;

Rat ir-rikors tal-konvenuta tas-27 ta’ Frar 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tipprezenta n-nota ta’ sottomissjonijiet;

Rat is-sottomissjonijiet tal-konvenuta;

Rat id-digriet tat-28 ta’ Frar 2003 fejn il-Qorti tilqa` t-talba u tordna n-notifika taghha lill-kontroparti li jkollha ghoxrin jum zmien ghar-risposta;

Rat li l-attur ghalkemm inghata l-opportunita’ ma pprezenta l-ebda nota ta’ sottomissjonijiet jew nota responsiva;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PORODTTI.

Illi din hija kawza u kontro-talba fejn kemm l-attur u kemm il-konvenuta qed iwahhlu f’xulxin li kienu l-kawza ta’ separazzjoni ta’ bejniethom, u ovvjament il-Qorti, abbazi tal-provi prodotti trid tiddeciedi jekk tali separazzjoni, hijiex imputabbli lil xi wahda mill-partijiet jew lit-tnejn konguntivament.

Illi jidher mill-ewwel li kien hemm disgwid serju bejn il-partijiet tant li dan wassal sabiex il-konvenuta tibda’ proceduri ta’ separazzjoni quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili, li gie ammess b’digriet ta’ l-istess Qorti datat 31 ta’ Ottubru 1996, fejn anke gie nominat Dr. Victor Shields bhala psikologu sabiex jirrellata dwar t-talba tal-konvenuta sabiex pendenti l-proceduri, l-istess attur jigi ordnat jizgombra mid-dar konjugali, izda abbazi tar-rapport ta’ l-istess espert psikologu datat 3 ta’ Dicembru 1996, l-istess Qorti cahdet din it-talba tal-konvenuta b’digriet taghha tad-9 ta’ Dicembru 1996, fejn ukoll

issugeriet li l-istess konjugi Farrugia jissottomettu ruhhom volontarjament ghal terapija suggerita mill-istess espert.

Illi fis-16 ta' Gunju 1999 xehed it-**Tabib Psikjatra Dr. Peter Muscat** li sostna li l-konvenuta kienet fid-data ta' l-ezamijiet tieghu fit-22 ta' Jannar u 18 ta' Mejju 1999 tbati minn ansjeta kbira kagun ta' l-istress li hija kienet ghaddejja minnu minhabba tilwim konjugali, li skond l-konvenuta stess kien attwribbli ghall-atti ta' l-attur fil-konfront taghha minhabba dak li hija sejhet bhala krudelta' u vjolenza fizika u morali konsistenti f'theddid li joqtolha, li jgenniha, u li jizgumbraha mid-dar konjugali, u diversi provokazzjonijiet li allegatment isiru mill-attur bl-iskop uniku li jaqla' kwistjoni d-dar. F'dan l-involvilment gew inkluzi l-istess ulied, dak iz-zmien ta' hdax-il sena (d.o.b. 30 ta' Marzu 1987), ta' sitt snin (d.o.b. 4 ta' Ottubru 1992), u ta' tlett snin (d.o.b. 8 ta' Dicembru 1994) rispettivament li kienu inkoraggiti mill-attur, dejjem skond ma qalet l-attrici, li jinsulentaw u anke issawtu lil ommhom, u dwar dan baghtiet anke minn tghajjir minn binha l-kbir, sakemm skond hija, dan irrealizza li kien qed jigi perswas biex jaghmel dan minn missieru w allura waqaf li jaghmel dan. L-istess espert ikkritika r-rapport ta' l-espert psikologu *stante* li huwa jsostni li fih kontradizzjonijiet kif jidher minn fol. 56 sa fol. 58 tal-process, u l-konkluzzjoni tieghu kienet ghalhekk li minhabba t-tbatija li l-konvenuta kienet qed issofri emozzjonalment ma kienx konsiljabbli li l-istess kontendenti jghixu fl-istess dar.

Illi skond il-**konvenuta**, hija sostni, li l-attur kien konsistentement mill-bidu taz-zwieg dispreggattiv u abbuz lejha, fejn kien kontinwament jghajjarha mignuna u giddieba, jaghmel xenati ghal xejn jew fuq affarijiet zghar, u anke kien vjolenti fuqha fizikament u anke juri sinjali t' aggressjoni billi jaghti bil-ponn mal-bibien, b'dan li kien iwerwer lil uliedu, apparti li anke jobzqilha, apparti diversi theddid. Skond l-istess konvenuta hija ssostni li l-attur kellhu relazzjoni ma' mara ohra, u wara x-xoghol fil-hanut tieghu *Discount Store* l-Hamrun, huwa johrog u jmur lura fil-11.30.p.m. Kien ukoll jghidilha li kellu mara ohra certu Mary Darmanin u dan anke quddiem l-istess tfal fejn kien jidhol f'rakkonti skond l-konvenuta oxxeni. Kien johrog lill-

konvenuta  lil uliedha ftit u wara johrog wahdu u jigi lura d-dar tard bil-lejl, bla ma jaghti sodisfazzjon lil martu fejn ikun.

Illi l-konvenuta pprezentat rapport ta’ **Dr. Mariella Blackman** datat 15 ta’ Jannar 1999 a fol. 85 sa 89 tal-process fejn din ukoll ikkritikat ir-rapport ta’ Dr. Victor Shields fl-istess sens li sar minn Dr. Peter Muscat, izda jidher li din il-Psikologa kkonkludiet ukoll li l-istess trawma giet sofferta ukoll mill-istess ulied tal-kontendenti fejn addirittura l-minuri Andre’ jidher li kien involut sew u kien distakkat minn missieru u dan minhabba li skond l-istess esperta *ex parte* huwa kien influwenzat bl-aggressivita’ tal-attur lejn ommu l-konvenuta, u kien jibza` li l-istess attur iwegga lil ommu serjament. L-istess japplika ghal Michaela. Illi ma jidhirx li l-istess esperta kellmet lill-attur ghalkemm accennat li l-attur kien mistieden sabiex imur ghandha. Dan ir-rapport gie kkonfermat fit-8 ta’ Novembru 1999 u fejn issuggeriet li l-istess konjugi m’ghandhomx jibqghu jghixu flimkien ghaliex dan kien qed ikun ta’ hsara enormi ghall-istess minuri specjalment fejn Andre’ kien inkoraggut, skond l-konvenuta, sabiex jghajjar u jssawwat lil ommu u hawn il-Qorti tirreferi ghax-xhieda ta’ l-istess Psikologa fl-istess seduta.

Illi l-konvenuta prezentat lista ta’ oggetti formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti li tinsab esebita a fol. 288 tal-process.

Illi l-**Ispettur Raymond Anastasi** kkonferma li l-konvenuta kienet ghamlet zewg rapporti kontra l-attur fl-10 ta’ Lulju 1997 u 5 ta’ Ottubru 1998 li l-okkorenza ta’ liema turi li l-istess konvenuta kienet sostniet li l-attur kien heddidha, aggrediha, u anke li ma hallasx manteniment pendente lite (fol. 118 u 119 u 131 sa 134 tal-process).

Illi fil-fatt abbazi ta’ l-istess rapport u x-xhieda ta’ **Marilyn Savona** mid-Dipartiment tas-Social Welfare, din il-Qorti diversament presjeduta kienet ordnat b’digriet tat-3 ta’ April 2000 li l-istess attur jallonta ruhhu mid-dar konjugali, u l-konvenuta tghix fl-istess dar esklussivament flimkien ma’ uliedha (a. fol. 169).

Illi fis-seduta tat-28 ta’ Mejju 2002 xehdet il-konvenuta u sostniet li l-ulied ma riedux jaraw lil missierhom ghaliex jibzghu minnu u hija kienet ilha ma tiehu t-tfal ghall-access minn Ottubru 2001 u l-attur kien ilu ma jhallas manteniment minn Gunju 2000 meta gie ordnat jitlaq mid-dar.

Illi l-**attur** isostni li l-inkwiet inqala’ ghaliex l-konvenuta ma kenitx taqbel ma’ ommu, u martu ma kenitx thalli lil uliedu jaraw lill-genituri tieghu u kienet ukoll toffendih. Skond l-attur il-konvenuta ghamlet minn kollox sabiex huwa jbiegh id-dar konjugali li kienet parafernali tieghu ghaliex ma reditx toqghod hemm u hekk sar u xtraw d-dar prezenti f’ ta’ l-Ibragg u wara ftit il-konvenuta nnotifkatu b’rikors fis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili. Skond l-attur jidher li l-konvenuta kienet riedet biss lil ommha u lil missierha u lilhu riedet titfghu ‘l barra. Isostni li huwa qatt ma refa` idejh fuq martu ghalkemm battibekki kien hemm. Kien ilu ma jara lil uliedu minn meta ma baqax jghix fid-dar konjugali.

Illi in kontro-ezami l-attur isostni li t-tfal ma jibzghux minnu ghaliex huma dominati minn ommhom u qal li ma hallasx manteniment minn mindu ma thalliex jghix fid-dar konjugali ghaliex il-hanut tieghu fallut. Sostna li Sebastian Zammit kien tah erbat elef lira Maltija (Lm4,000) sabiex hareg mill-hanut tlett snin qabel ma xehed fil-5 ta’ Gunju 2001 u dan permezz ta’ pagamenti ta’ mitt lira Maltija (Lm100) u mija u hamsin lira Maltija (Lm150) il-wiehed, u fl-ahhar anke hamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar u fl-ahharnett xejn ghaliex qal li ma kellux. Ammetta li mindu telaq mid-dar kien icempel kuljum, jghid li biex ikellem lit-tfal, ghalkemm mhux l-ewwel darba li cempel u ma qal xejn. Mistoqsi qal li huwa qatt ma kellu xi forma ta’ relazzjoni ma’ certa Margaret Darmanin, pero` gieli tella lill-klijenti tieghu xi affarajiet id-dar tagghom, inkluz ta’ din il-persuna. Gieli wassalha id-dar, peress li kien iwassal lil siehbu Bastjan. Qal li kien imur *ballrom dancing* ma’ certa Rose mill-Mellieha, ghalkemm gie suggeriet lilu li l-mara ndikata fir-ritratt kienet Margaret.

Illi b’nota datata 28 ta’ Mejju 2002 il-konvenut esebixxa kopji ta’ zewg kuntratti wiehed datat 3 ta’ Dicembru 1980 li bih kien xtara fond il-Mosta qabel iz-zwieg u iehor tas-27 ta’ Jannar 1994 fejn xtara d-dar konjugali 13, Triq il-Misura, Tal-Ibragg, St. Andrews, limiti San Giljan u garage mieghu bil-prezz ta’ disa` u ghoxrin elf lira Maltija (Lm29,000).

Illi fis-seduta tas-6 ta’ Settembru 2001 xehdet **Anthea Agius,** *Supervisor* ma’ l-agenzija Appogg u sostna li hija taghmel *supervision* tal-missier mat-tfal, u tidhol biss ghall-istess sessjonijiet Michaela; il-kbir ma jmurx u z-zghir ma jkunx irid jidhol u dan minkejja li ix-xhud kienet tipprova tinkoraggih sabiex jidhol. Skond hija l-missier igghelhom ihossuhom skomdi ghaliex jibda’ jkanta jew jitlob.

Illi fis-seduta tas-7 ta’ Dicembru 2001 xehdet **Stephanie Caruana**, ukoll *Social Worker* li tahdem mal-Agenzija Appogg li kkonfermat ir-rapport ipprezentat fis-7 ta’ Novembru 2001 u fejn hemm spjegat li l-ewwel appuntamenti ma sarux ghaliex l-attur jew il-konvenuta waslu tard, u darba ghaliex Michaela kienet marida. Andrea qatt m’attenda; il-minuri Ian qatt ma dahal fil-kamra ma’ missieru; it-tifla jidher li kienet tidhol kontra qalbha u diehla u hierga u qatt ma tat kaz lil missierha. Illi fl-4 ta’ Lulju 2001 il-missier irrefera ghal uliedu bhala annimali u fit-8 ta’ Awissu 2001 bhala ipokriti; fit-3 ta’ Ottubru 2001 l-attur gab kartolina u kejk ghal bintu ghall-birthday izda din m’accettathomx. Illi fl-10 ta’ Ottubru 2001 l-omm kitbet ittra fejn informatha li ma kenitx ser iggib it-tfal izjed ghall-access sabiex ma tisforzahomx u l-istess sar fis-17 ta’ Ottubru 2001 u 24 ta’ Ottubru 2001. In verita’ dan ir-rapport inkiteb minn **Norbert Cila** bhala ko-ordinatur u **Yvonne Mallia** bhala *Operations Manager*.

Illi fuq rikors data 26 ta’ Ottubru 2001 il-konvenuta talbet li l-access b’supervizzjoni ordnat mill-Qorti kif dakinhar presjeduta jitwaqqaf ghaliex it-tfal kienu determinati li ma jmorrux iktar u annetiet ma’ l-istess rikors dikjarazzjoni tas-S*ocial Worker* S. Savona mhux mahlufa, li tghid li kelmet lil Andrea li qaltilha li ma rieditx tara aktar lil

missieha ghaliex tibza' minnu fuq dak li rat quddiemha meta kien ikun id-dar. Illi fir-risposta l-konvenut sostna li l-minuri qed jigu mghowwijin minn ommhom, u talab li rikors tal-konvenuta jigi michud sabiex it-tfal ma jibqghux estraneji ghal missierhom. Illi b'digriet datat 28 ta' Jannar 2002 din il-Qorti cahdet it-talba u ordnat lill-konvenuta taderixxi ruhha mad-digriet vigenti u tiehu t-tfal ghall-access taht is-sanzjoni ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.

## (II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi fuq prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-istess attur kien primarjament responsabbli ghas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet odjerni *stante* li kien hati ta' mohqrija, minacci, theddid, ingurji gravi u sevizzi prattikati minnu fil-konfront tal-konvenuta, u konsegwenza ta' dan l-istess zwieg bejn il-kontendenti gie res impossibbli, tant li llum l-attur jinsab barra mid-dar konjugali fuq ordni tal-Qorti.

Illi dan johrog car mix-xhieda ta' l-attrici, u mix-xhieda minnha prodotti, li juri li l-istess attur, ghal xi raguni jew ohra kien spiss aggressiv verso martu, apparti li kien responsabbli ghal diversi atti ta' vjolenza morali fuq l-istess konvenuta konsistenti f'tghajjir, tmaqdir, u anke hafna ftahir bla sens li huwa kellu mara ohra, atteggament li dejjem jidher li sar quddiem l-istess minuri, u li gew sew influwenzati bl-istess.

Illi l-frustazzjoni ta' l-istess attur jidher ukoll li damet waqt il-kawza *stante* li ghalkemm huwa nsista li ma riedx jisseppara jidher li bl-agir tieghu fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-hajja taht l-istess saqaf bejn il-kontendenti lanqas setghet titkompla, tant li b'ordni tal-Qorti l-istess attur gie zgumbrat mid-dar konjugali, u dan l-atteggament ta' l-attur bla ebda dubju li ppregudika s-sitwazzjoni tieghu serjament.

Illi dwar dak li allega l-attur din il-Qorti specjalment il-kontroll ta' l-omm fuq l-istess, jirrizulta wkoll li l-istess

konvenuta kellha u ghad ghandha mpressjoni sew fuqhom. Dan fih innifsu mhux hazin, pero` jidher li f'dan il-kaz dan il-kontroll u influwenza taghha huma iktar minn normal, ghaliex jidher li l-istess konvenuta sa mit-twelid taghhom ippruvat tnaqqas l-influwenza tal-missier fuqhom. Dan jidher ukoll mill-opposizzzjoni li minn dejjem jidher li ghamlet l-omm, il-konvenuta odjerna, sabiex l-istess ulied ma jittiehdux jaraw il-genituri ta' l-attur. Dan fih innifsu ma ghenx is-sitwazzjoni bejn il-partijiet, u f'dan il-kuntest jinghad li certament l-istess konvenuta kkontribwiet ghall-pronunzjament ta' din is-separazzjoni anke bit-theddid li sar minn naha taghha, u wkoll bl-insulti diretti lejn l-attur, li minflok ikkalmaw is-sitwazzjoni, certament aggravawha, sa ma fl-ahhar waslet hawn il-Qorti, b'atteggament negattiv miz-zewg partijiet, li halla effett fuq l-istess minuri.
Illi fil-fatt, apparti l-partijiet, jidher li l-iktar li sofrew f'dan il-kaz huma l-istess minuri, peress li jidher car li bhal dejjem, dawn gew influwenzati bl-agir ta' l-istess zewg partijiet, ghaliex dawn fuq kollox huma l-genituri taghhom, u f'dan il-kuntest hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-fatt li l-ligi ma tipprovdix ghall-avukat u *guardian* tal-minuri hija mankanza kbira fl-istess ligi, *stante* li l-*portavoce* ta' l-istess minuri fil-Qorti huwa kwazi dejjem invarjabbilment il-verzjoni ta' parti jew ohra, u mhux l-ewwel darba li l-partijiet quddiem dawn il-Qrati, jinvolvu lill-istess ulied fid-disgwid ta' bejniethom.

Illi m'hemm l-ebda dubju lanqas li hekk gara f'dan il-kaz, fejn illum hemm sitwazzjoni fejn ghalkemm hemm access ghall-ulied mill-missier, ordnat mill-Qorti taht supervizzjoni, dan jirrizulta li ilu ma jigi attwat minn Ottubru 2001, u dan *nonostante* li din il-Qorti kif presjeduta ordnat li dan ghandu jibqa' jsir, pero` jidher car li l-omm ma ottemperatx ruhha ma' dan, ghaliex sostniet li dan kien ser ikun ta' hsara ghall-istess ulied minuri, Michaela u Ian, li urew li ma jixtiequx li jaraw lil missierhom.

Illi hawn il-Qorti tirreferi ukoll ghas-segwenti fatti, li fl-opinjoni ta' din il-Qorti lanqas ghenu fis-sitwazzjoni:-

(a) L-ewwel u qabel kollox li l-partijiet ghamlu minn kollox waqt il-kawza sabiex jivvessaw lil xulxin, u bl-ebda mod ma ppruvaw lanqas darba sabiex ghall-gid ta' l-istess ulied, u bil-kunsens tat-tnejn, jaslu f'xi forma ta' ftehim dwar l-access li seta` jkollu l-missier. Jidher fil-fatt li t-tentattivi kollha ta' l-omm kienu ntenzjonati sabiex l-istess attur ma jithalliex jara lill-istess ulied, u dan anke *tramite* visiti lill-Psikjatri *ex parte* li tqabbdu minnha, u semghu biss l-istorja taghha, bla ma qatt semghu lill-parti l-ohra, li din il-Qorti thoss, li kellu xi jghid u kien ta' importanza massima ghall-konkluzjonijiet minnhom raggunti. Fil-fatt kemm Dr. Peter Muscat, u kemm Dr. Mariella Blackman jidher mir-rapporti u mix-xhieda taghhom, li ghamlu l-valutazzjoni taghhom kemm fuq rikjesta tal-konvenuta, u kemm billi semghu biss dak li kellhom tghidilhom l-konvenuta, u wkoll l-istess ulied, li jidher li kienu akkompanjati minn ommhom, u dawn l-ezamijiet saru waqt li din il-kawza kienet pendenti, u wkoll bla ma l-Qorti kienet informata bl-istess.

Illi din il-Qorti thoss li din is-sitwazzjoni u prassi, li kemm il-darba rrepetiet ruhha f'kawzi quddiemha, m'hijiex dejjem dik idejali u lanqas hija l-iktar wahda idoneja sabiex jigi stabbilit l-interess ta' l-istess minuri fil-kaz in ezami u f'kull kaz iehor. Dan ghaliex dak li ghandu, fl-ahhar mill-ahhar jistabbilixxi l-istess interess tal-minuri, ghandu jkun fl-apparenza wkoll distakkat minn kull konnessjoni mal-partijiet, u dan mhux necessarjament li huwa l-kaz meta persuna manifestament *ex parte* tintalab taghmel rapport mill-kljenta taghha. Dan iktar u iktar meta jkun hemm rapport mill-espert tal-Qorti, anke jekk f'dan il-kaz dan jidher li sar meta l-partijiet kienu ghadhom bil-kaz taghhom quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili.

Illi hawn in-necessita' ta' Qorti tal-Familja vera u proprju, b'esperti indipendenti, li huma mharga wkoll fil-process gudizzjarju, huwa ta' mportanza massima, b'dan dejjem, li l-Gudikant li fl-ahharnett ikollu jiddeciedi fuq dawn il-problemi mill-iktar sensittivi, jkollu mohhu mistrieh fuq l-osservanza tal-process gudizzjarju, liema process fih innifsu jiggarantixxi l-indipendenza u l-imparzjalita' tal-persuni esperti, li jkollhom l-ewwel u l-unika lejalta'

taghhom lejn l-istess process gudizzjarju, u partikolarment li l-interess ta’ l-istess minuri li l-Qorti tkun ser tistabilixxi jew tiddeciedi dwaru.

(b) Illi fit-tieni lok jidher li hadd mill-partijiet u lanqas mill-esperti inkarigati *ex parte* u mis-*Social Workers* li kienu in kuntatt ma’ l-istess tfal, ma ssugerixxa jew ipprovda xi forma ta’ terapija ghall-istess ulied, u jekk saret xi forma ta’ terapija hadd mill-partijiet ma ndenja ruhu jinforma b’dan lill-Qorti. Mill-provi prodotti li huwa zgur huwa li fid-dizgwid bejn il-partijiet sfortunatament inqabdu fin-nofs f’din l-istess tilwima bejn il-kontendenti odjerni l-imsemmija minuri; jidher li l-istess ulied sofrew mill-vjolenza nkluza dik morali li huma raw bejn il-partijiet, u wkoll mill-fatt li kemm genitur u iehor ippruvaw iddahhlu lit-tfal fin-nofs fit-tilwim taghhom. Fil-fatt jidher li Andre` kien inkoraggut mill-missier sabiex joffendi lill-ommu, mentri jirrizulta wkoll li l-omm dahlet lill-ulied fil-problemi taghha billi anke ghamlet dak li setghet anke waqt il-kawza sabiex l-ulied ma jarawx lill-missierhom, u dan minkejja l-ordnijiet tal-Qorti. Din il-Qorti ma teskludhiex li sar ammont ta’ *brainwashing* kif indikat minn wiehed mir-rapporti *ex parte* ta’ Dr. Mariella Blackman miz-zewg partijiet meta l-istess kellhom access ghall minuri jew minn parti wahda meta din kellha l-unika access ghall-istess minuri. Dwar dan wiehed jirreferi ukoll ghar-rapport tal-Psikologu Victor Shields dwar il-mod kif l-istess konvenuta turi l-emozzjonijiet taghha, li wkoll hallew effett fuq l-istess minuri.

(c) Illi dan iwassal ghat-tielet punt li nnutat din il-Qorti f’din il-kawza, li mix-xhieda kollha prodotti, inkluz l-istess persuni professjonali, u *Social Workers*, hadd minnhom ma jidher li ghamel xi forma ta’ tentattiv sabiex l-istess minuri jigu meghjuna sabiex dan l-access mal-missier taht supervizzjoni jsehh jew ikompli jsehh; anzi jidher li l-istess persuni kull ma ghamlu u dan anke hafna drabi fil-prezenza ta’ l-istess konvenuta, jew minnha akkumpanjati, hadu l-kelma ta’ l-istess ulied li ma jridux jaraw lill-istess missier, lanqas ghall-perjodu ta’ siegha fil-gimgha taht supervizzjoni, u waqfu hemm. Din hija skoncertanti meta fil-hajja ta’ l-ulied ghandu jkun hemm rwol ghal kull

genitur, u dan fl-interess ta' l-istess ulied stess, u meta mill-provi prodotti jirrizulta lil din il-Qorti li l-omm baqghet tinfluwenza sostanzjalment lil uliedha.

Illi tenut ta' dan kollu premess xorta jibqa' l-fatt li llum is-sitwazzjoni ggravat b'tali mod li fl-ewwel lok huwa mpossibbli li l-partijiet jghixu flimkien u ghalhekk is-separazzjoni ta' bejniethom hija nevitabbli u dan kif fuq inghad ghar-ragunijiet primarjament dovuti mill-attur minhabba mohqrija, minacci, theddid, ingurji gravi u sevizzi prattikati minnu fil-konfront tal-konvenuta, u wkoll minhabba li l-istess konvenuta kkontribwiet ghall-istess separazzjoni minhabba theddid u ingurji gravi prattikati minnha ghad-dannu ta' l-istess attur. L-adulterju allegat mill-konvenuta fil-konfront tal-attur ma giex pruvat fl-opinjoni ta' din il-Qorti ghalkemm jirrizulta li kien hemm xi forma ta' hbiberija ma' terza persuna li dan fih innifsu jammonta ghal ingurja gravi.

Illi fid-dawl ta' dan kollu m'hemm l-ebda dubju li l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici, b'dan pero` li hija flmkien ma' wliedha ghandha tattendi kors ta' *family therapy.*

Illi fid-dawl tar-rizultanzi processwali, inkluzi r-rapporti psikologici esebiti, din il-Qorti thoss li l-minuri Andre` minhabba l-eta` tieghu ghandu jithalla liberu sabiex jaghzel huwa jekk iridx ikollu kuntattt jew le ma' missieru; dwar il-minuri l-ohra Michela u Ian dawn ghandu jkollhom access ma' missierhom taht supervizzjoni ta' *Social Worker* f'postijiet adattati ndikati lilhom mill-Agenzija Appogg, b'dan li l-istess supervizzjoni ghandha ghall-ewwel sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza tkun ta' darba wahda kull hmistax u fix-xhur sussegwenti tali access taht supervizzjoni ghandu jizdied ghal darba fil-gimgha, b'dan li ghandu jkun hemm ukoll is-*Social Worker*, Therese Micallef, mill-istess Agenzija Appogg li taghmel *monitoring* ta' l-istess access u tipprezenta rapporti, kif hija jidrilha xierqa w opportuni, dwar ir-rizultat ta' l-istess access minn zmien ghal zmien lill-Qorti kompetenti u lill-partijiet. Dan kollu huwa suggett ghall-kondizzjoni li l-attur josserva l-

obbligazzjonijiet tieghu ta’ manteniment lejn l-istess uliedu, skond dak li ser jigi deciz f’din is-sentenza.

Illi dwar l-effetti ta’ l-**artikolu 48,** din il-Qorti thoss li dawn ghandhom jigu applikati *in toto* fil-konfront ta’ l-istess attur li kien principarjament responsabbli ghall-istess separazzjoni, izda m’ghandhomx jigu applikati fil-konfront tal-konvenuta.

Illi dwar manteniment ghalhekk l-attur qed jigi dikjarat li jiddekadi mid-dritt li jitlob manteniment minghand l-konvenuta, pero` il-konvenuta u wliedha ghandhom dritt ta’ manteniment mill-istess attur.

Illi dwar manteniment jidher li l-attur huwa *self employed* u jgestixxi hanut tal-*grocer*, u kellu jhallas *pendente lite* manteniment ta’ erbghin lira Maltija (Lm40) fil-gimgha, hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) kwantu ghall-minuri u hmistax-il lira Maltija (Lm15) ghall-mara; illi l-attur ipprova jpingi li n-negozju tieghu jinsab fi stat hazin, pero` dan kollu ma gie bl-ebda mod sostanzjat mill-istess attur, u jidher li l-attur ma hallasx manteniment la lil martu u lanqas lil uliedu mill-5 ta’ Gunju 2000 sa llum, apparti rati ohra ta’ manteniment li ma thallsux minnu, kif jidher mir-rendikont esebit mill-konvenuta a fol. 289 tal-process. Fil-fatt sat-8 ta’ Dicembru 2001 jidher li l-ammont t’arretrati ta’ manteniment kien lahaq is-somma ta’ tlett elef u erba` mija u lira Maltija (Lm3,401). Illi ovvjamwent is-somma illum trid tizdied b’cirka tlett elef lira Maltija (Lm3,000) u ghalhekk l-ammont t’arretrati ta’ manteniment li ma thallsux mill-attur jammonta sa llum ghal cirka sitt elef, erba` mija u lira Maltija  (Lm6,401).

Illi jidher car li l-konvenuta ser ikollha diffikulta` sabiex tithallas tal-manteniment fil-futur u ghalhekk abbazi ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li l-attrici ghandha tinghata abbazi ta’ dak provdut mill-**artikolu 54 (6)** is-sehem ta’ l-attur mid-dar konjugali, b’dan li tali dar ghandha ssir proprjeta` kollha ta’ l-istess konvenuta.

Illi dwar il-manteniment ta’ l-ulied, l-istess attur ghandu jhallas lill-konvenuta ghan-nom ta’ l-istess minuri,

manteniment ta’ tletin lira Maltija (Lm30) fil-gimgha, u dan kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta’ l-istess konvenuta.

Illi dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti din ghandha tigi ddikjarata xolta b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, u l-istess komunjoni qed tigi assenjata b’dan il-mod:-

Illi l-konvenuta ghandha tigi assenjata l-istess dar matrimonjali 66, Ruisenor, Triq il-Mizura, Ta’ l-Ibragg kif suggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta’ tletin lira Maltija (Lm30) fis-sena, bil-kontenut kollu ta’ gjo fiha, u wkoll bil-hlas ta’ kull dejn in konnessjoni ma’ l-uzu tas-servizzi ta’ l-istess dar b’applikazzjoni anke ta’ l-**artikolu 45 (6) tal-Kap 16** ghall-hlas ta’ arretrati ta’ manteniment *pendente lite* u wkoll a saldo tal-manteniment dovut mill-istess attur lill-konvenuta, u hawn ittiehdet ukoll in konsiderazzjoni kull kreditu li l-istess attur seta` jvanta fuq l-istess dar.

Illi min-naha tieghu l-attur ghandu jigi assenjat l-garage anness ma’ l-istess dar, b’mod li fl-uzu ta’ l-istess, l-istess attur m’ghandu bl-ebda mod jivvessa lill-konvenuta, u vice versa, kull dritt li ghandu, inkluz il-lokazzjoni tal-hanut St. Paul’s Discount Store, flimkien maz-zewg vetturi u krediti u stocks ezistenti f’ismu jew isem iz-zewg partijiet b’dan li l-istess attur ghandu jhallas kull dejn li hemm fuq l-istess mobbli u immobbli hawn lilu assenjati.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa` in parte l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, u tilqa’ t-tielet u r-raba` eccezzjoni tal-konvenuta, u **tichad l-ewwel, it-tieni, t-tielet, u r-raba talbiet attrici, tilqa’ l-hames talba attrici,** u dan biss kif hawn deciz b’dan illi:-

1. Tichad din it-talba *stante* li jidher li l-kawza primarja tas-separazzjoni bejn il-kontendenti hija attribwibli lill-attur minhabba mohqrija, minacci, theddid, ingurji gravi u sevizzi prattikati minnu fil-konfront tal-konvenuta,

ghalkemm jirrizulta wkoll li l-istess konvenuta kkontribwiet ghall-istess separazzjoni minhabba theddid u ngurji gravi prattikati minnha ghad-dannu ta’ l-istess attur.

2. Tichad din it-talba u tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri fuq imsemmija f’idejn il-konvenuta, b’dan li filwaqt li l-minuri Andre’ ghandu jithalla fil-liberta` tieghu sabiex jaghzel jekk ghandux ikollu kuntatt ma’ l-attur. Dwar il-minuri l-ohra Michela u Ian din il-Qorti tordna li l-istess l-ahhar imsemmija minuri, ghandu jkollhom access ma’ missierhom taht supervizzjoni ta’ *Social Worker* f’postijiet adattati ndikati lilhom mill-Agenzija Appogg, b’dan li l-istess supervizzjoni ghandha ghall-ewwel sitt xhur mid-data ta’ din is-sentenza, tkun ta’ darba wahda kull hmistax ghal siegha kull sessjoni w fix-xhur sussegwenti tali access taht supervizzjoni ghandu jizdied ghal darba fil-gimgha, u dan b’effett mid-data ta’ din is-sentenza b’dan li ghandu jkun hemm ukoll is-*Social Worker,* Therese Micallef mill-istess Agenzija Appogg li taghmel *monitoring* ta’ l-istess access u tipprezenta rapporti, kif hija jidrilha xierqa w opportuni, dwar ir-rizultat ta’ l-istess access minn zmien ghal zmien lill-Qorti kompetenti u lill-partijiet. Dan kollu huwa suggett ghall-kondizzjoni li l-attur josserva l-obbligazzjonijiet tieghu ta’ manteniment lejn l-istess uliedu, skond dak li ser jigi deciz f’din is-sentenza. Il-Qorti tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza ghandha tigi notifikata a spejjez tal-konvenuta lic-*Chief Executive Officer* ta’ l-Agenzija Appogg.

Illi fil-kuntest ta’ dan kollu din il-Qorti tordna li tali kura u kustodja tal-minuri u eventwali access, ghandhom jigu pprattikati minn kull wiehed mill-genituri bl-eskluzjoni ta’ terzi persuni tas-sess oppost li m’humiex parti mill-familja tal-partijiet u taht l-ebda cirkostanza m’ghandhom il-partijiet fil-prezenza ta’ l-istess ulied jaghmlu xi riferenza negattiva fil-konfront tal-genitur l-iehor.

Illi l-partijiet u l-istess minuri ghandhom lkoll jattendu kors idoneju ta’ *family therapy* provdut mill-Agenzija Appogg.

3. Tichad din it-talba *stante* li l-konvenuta ghandha dritt ta' manteniment li pero` ser jigi kkumpensat *a saldo* skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 45 (6) tal-Kap 16.**

4. Tichad din it-talba sabiex tapplika kontra l-konvenuta il-konnotazzjonijiet kollha sa fejn applikabbli, ta' l-**artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** *stante* li ma jidhirx lil din il-Qorti li din hija applikabbli fil-kaz in ezami.

5. Tordna ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u l-istess komunjoni qed tigi assenjata b'dan il-mod:-

(a) Illi l-konvenuta ghandha tigi assenjata l-istess dar matrimonjali 66, Ruisenor, Triq il-Mizura, Ta' l-Ibragg kif suggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' tletin lira Maltija (Lm30) fis-sena, bil-kontenut kollu ta' gjo fiha, u wkoll bil-hlas ta' kull dejn in konnessjoni ma' l-uzu tas-servizzi ta' l-istess dar b'applikazzjoni anke ta' l-**artikolu 45 (6) tal-Kap 16** ghall-hlas t'arretrati ta' manteniment *pendente lite* (inkluz kull ammont li jista' jkun hemm dovut lil Josianne Gauci) u wkoll *a saldo* tal-manteniment dovut mill-istess attur lill-konvenuta, in vista tad-dritt tal-konvenuta ghall-hlas ta' l-istess.

(b) Illi minn naha tieghu l-attur ghandu jigi assenjat il-garage anness ma' l-istess dar, b'mod li fl-uzu ta' l-istess, l-istess attur m' ghandu bl-ebda mod jivvessa lill-konvenuta, u vice versa, kull dritt li ghandu inkluz il-lokazzjoni tal-hanut St. Paul's Discount Store, flimkien maz-zewg vetturi Grey Truck Reg. No. KBB 707 u Daewoo Cielo Reg. No. JAA 916, krediti u stocks ezistenti f'ismu jew isem iz-zewg partijiet b'dan li l-istess attur ghandu jhallas kull dejn li hemm fuq l-istess mobbli u immobbli hawn lilu assenjati.

Bl-ispejjez tac-citazzjoni attrici kwantu ghal erba' parti minn hamsa mill-attur u kwantu ghall-parti minn hamsa ghall-konvenuta.

Illi kwantu ghall-**kontro-talba** tal-konvenuta, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta'

l-attur in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, u **tichad is-seba' talba** tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet** ta' l-istess konvenuta fil-kontro-talba taghha b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi mputabbli ghall-attur u dan peress li jidher li l-kawza primarja tas-separazzjoni bejn il-kontendenti hija attribwibli lill-attur minhabba mohqrija, minacci, theddid, ngurji gravi u sevizzi prattikati minnu fil-konfront tal-konvenuta, ghalkemm jirrizulta wkoll li l-istess konvenuta kkontribwiet ghall-istess separazzjoni minhabba theddid u ingurji gravi prattikati minnha ghad-dannu ta' l-istess attur.

2. Tafdalha l-kura u l-kustodja tal-minuri Andre`, Michela u Ian b'dan li filwaqt li l-minuri Andre` ghandu jithalla fil-liberta` tieghu sabiex jaghzel jekk ghandux ikollu kuntatt ma' l-attur, dwar il-minuri l-ohra Michela u Ian, din il-Qorti tordna li l-istess l-ahhar imsemmija minuri, ghandu jkollhom access ma' missierhom taht supervizzjoni ta' *Social Worker* f'postijiet adattati ndikati lilhom mill-Agenzija Appogg, b'dan li l-istess supervizzjoni ghandha ghall-ewwel sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza, tkun ta' darba wahda kull hmistax ghal siegha kull sessjoni w fix-xhur sussegwenti tali access taht supervizzjoni ghandu jizdied ghal darba fil-gimgha, u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza b'dan li ghandu jkun hemm ukoll is-*Social Worker,* Therese Micallef, mill-istess Agenzija Appogg li taghmel *monitoring* ta' l-istess access u tipprezenta rapporti, kif hija jidrilha xierqa w opportuni, dwar ir-rizultat ta' l-istess access minn zmien ghal zmien lill-Qorti kompetenti u lill-partijiet. Dan kollu huwa suggett ghall-kondizzjoni li l-attur josserva l-obbligazzjonijiet tieghu ta' manteniment lejn l-istess uliedu, skond dak li ser jigi deciz f'din is-sentenza. Il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata a spejjez tal-konvenuta lic-*Chief Executive Officer* ta' l-Agenzija Appogg.

Illi fil-kuntest ta' dan kollu din il-Qorti tordna li tali kura u kustodja tal-minuri u eventwali access ghandhom jigu prattikati minn kull wiehed mill-genituri bl-eskluzjoni ta'

terzi persuni tas-sess oppost li m'humiex parti mill-familja tal-partijiet u taht l-ebda cirkostanza m'ghandhom il-partijiet fil-presenza ta' l-istess ulied, jaghmlu xi riferenza negattiva fil-konfront tal-genitur l-iehor.

Illi l-partijiet u l-istess minuri ghandhom lkoll jattendu kors idoneu ta' *family therapy* provdut mill-Agenzija Appogg.

3. Illi dwar din it-talba ghal hlas ta' manteniment lill-konvenuta din il-Qorti tirreferi ghal dak li gie deciz minnha rigwardanti l-assenjazzjoni tad-dar konjugali lill-konvenuta b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 45 (6) tal-Kap 16** u dwar il-manteniment ta' l-istess minuri, tordna lill-attur ihallas bhala manteniment ta' l-istess tlett ulied permezz ta' pagament lill-istess konvenuta, ghan-nom ta' l-istess tlett minuri, s-somma ta' tletin lira Maltija (Lm30) fil-gimgha, u dan kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess konvenuta.

4. Tordna ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u l-istess komunjoni qed tigi assenjata b'dan il-mod:-
(a) Illi l-konvenuta ghandha tigi assenjata l-istess dar matrimonjali 66, Ruisenor, Triq il-Mizura, Ta' l-Ibragg kif suggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' tletin lira Maltija (Lm30) fis-sena, bil-kontenut kollu ta' gjo fiha, u wkoll bil-hlas ta' kull dejn in konnessjoni ma' l-uzu tas-servizzi ta' l-istess dar b'applikazzjoni anke ta' l-**artikolu 45 (6) tal-Kap 16** ghall-hlas ta' arretrati ta' manteniment *pendente lite* (inkluz kull ammont li jista' jkun hemm dovut lil Josianne Gauci) u wkoll *a saldo* tal-manteniment dovut mill-istess attur lill-konvenuta, in vista tad-dritt tal-konvenuta ghall-hlas ta' l-istess.

(b) Illi minn naha tieghu l-attur ghandu jigi assenjat il-garage anness ma' l-istess dar, b'mod li fl-uzu ta' l-istess l-istess attur m'ghandu bl-ebda mod jivvessa lill-konvenuta, u vice versa, kull dritt li ghandu nkluz il-lokazzjoni tal-hanut St. Paul's Discount Store, flimkien maz-zewg vetturi Grey Truck Reg. No. KBB 707 u Daewoo Cielo Reg. No. JAA 916, krediti u stocks ezistenti f'ismu jew isem iz-zewg partijiet b'dan li l-istess attur

ghandu jhallas kull dejn li hemm fuq l-istess mobbli w immobbli hawn lilu assenjati.

5. Tawtorizza lill-konvenuta tirresjedi fid-dar matrimonjali flimkien mat-tfal ad eskluzjoni ta’ l-attur minhabba r-ragunijiet premessi u kawza wkoll ta’ dak fuq deciz.

6. Tapplika kontra l-attur il-provedimenti ta’ l-**artikolu 48** *et sequitur* **tal-Kodici Civili.**

7. Tichad din it-talba ghal nomina ta’ Nutar sabiex jippublika l-kuntratt opportun, u ta’ kuratur sabiex jipprezenta l-eventwali kontumaci u sabiex tiffissa l-gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta’ l-istess, u dan peress li m’hemmx bzonnha.

Bl-ispejjez kwantu ghal erba’ parti minn hamsa mill-attur u kwantu ghal parti minn hamsa ghall-konvenuta.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------